IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

9 ta' Settembru 2014
89/2014

## SENA PASTORALI ĠDIDA GĦAĊ-ĊENTRU DJOĊESAN TAL-VOKAZZJONIJIET

Madwar mitt persuna, bejn pre-adoloxxenti, adoloxxenti u żgħażagħ, attendew għal ċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Arċisqof Pawlu Cremona O.P., fil-kappella tas-Seminarju, ir-Rabat. Matul din iċ-ċelebrazzjoni saret ir-reġistrazzjoni fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonjiet fejn hemmhekk l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ wiegħdu li jkomplu jipparteċipaw għal-laqgħat u l-*weekends* li jsiru kull xahar. Din il-quddiesa saret ukoll b' ringrazzjament għas-servizz ta' Dun Michael Bellizzi bħala direttur taċ-Ċentru tal-Vokazzjonjiet tul dawn l-aħħar għaxar snin. Fi tmiem il-Quddiesa, l-Arċisqof ippreżenta lid-direttur il-ġdid, Dun Charlon Muscat.

Il-ħidma vokazzjonali toffri spazju fejn wieħed isib post ta' silenzju biex jiskopri lil Alla. Huwa f'ambjent bħal dan li persuna tiskopri l-ġmiel t'Alla u tagħraf kemm hi tassew prezzjuża quddiem Alla. Dan l-ambjent jgħin biex bħala komunità, l-adoloxxenti u ż-żgħazagħ jirriflettu fuq il-mistoqsijiet prinċipali tal-ħajja.

### Informazzjoni dwar iċ-Ċentru tal-Vokazzjonjiet

**Matul is-sajf**

- Jsiru *live-ins* għall-istudenti subien minn 11 sa 18-il sena

**Fix-xitwa**

- Laqgħat ta' formazzjoni darba kull xahar għall-istudenti tal-Form 1 u l-Form 2
- *Live-ins* darba kull *term* għal Form 3 u 4
- *Formation Weekend* għall-istudenti tal-Form 5 u tas-6th Form darba fix-xahar
- Akkumpanjament personali għal dawk iż-żgħażagħ 'l fuq minn 18-il sena

Għal aktar informazzjoni dwar iċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet, wieħed jista' jċempel lil Dun Charlon Muscat fuq 21450354, 79964557 jew email: vocationcentre@maltaseminary.org